# IL-KNISJA TA' SANTA KATERINA TAL-ITALJA SE SSIR PARTI MILL-ESPERJENZA TAL-VIŻITATUR TAL-MUŻA

**Stqarrija | 28 ta' Frar 2025**

Heritage Malta u l-Arċidjoċesi ta' Malta ffirmaw Memorandum ta' Ftehim (MoU) importanti biex tiġi restawrata l-Knisja ta' Santa Katerina tal-Italja fil-Belt Valletta u jinfetaħ l-aċċess pubbliku għaliha mill-MUŻA – il-Mużew Nazzjonali tal-Arti tal-Komunità.

Il-ftehim jirrifletti r-rieda komuni taż-żewġ entitajiet li jestendu l-opportunitajiet għall-pubbliku biex japprezza din il-binja ikonika ta' żmien il-Kavallieri fil-kapitali, li bħalissa sservi bħala l-knisja parrokkjali tal-komunità Taljana f'Malta. Lil hinn mill-funzjonijiet reliġjużi, Santa Katerina tal-Italja hija wkoll l-uniku eżempju li għadu jeżisti ta' knisja ta' żmien il-Kavallieri mqabbda mal-berġa tagħha, f'dan il-każ il-Berġa tal-Italja, fejn illum hemm il-MUŻA.

Heritage Malta se tieħu ħsieb tirrestawra l-knisja u tipprovdi interpretazzjoni bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan, filwaqt li se jinqasmu r-responsabbiltajiet tal-manutenzjoni. Bit-twaqqif mill-ġdid ta' konnessjoni diretta bejn il-knisja u MUŻA, il-viżitaturi tal-mużew se jkunu jistgħu japprezzaw b'mod aktar sħiħ l-istorja tal-binja li jinsab fiha, flimkien mal-wirt reliġjuż u kulturali għani fil-knisja storika mqabbda magħha.

Is-Sur Mario Cutajar, Chairperson ta' Heritage Malta u Direttur tal-MUŻA, ikkummenta: "Il-bidliet li qed iseħħu fil-MUŻA jmorru lil hinn minn dak li qed iseħħ fis-swali. Il-MUŻA qed tikber fl-ispazju u, iktar minn hekk, fl-esperjenza li qed toffri lill-viżitatur. F'qasir żmien, spazju ieħor se jkun qed jingħaqad mal-MUŻA biex jingħata lin-nies."

Is-Sur Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, stqarr: "Jagħtina pjaċir kbir li ħloqna din il-kollaborazzjoni daqshekk pożittiva bejn l-Istat u l-Knisja. Permezz ta' dan il-ftehim, Heritage Malta qed tmexxi 'l quddiem il-missjoni tagħha u tistieden lill-Maltin kif ukoll lit-turisti biex jesperjenzaw ġawhriet storiċi li qabel kienu inaċċessibbli – f'dan il-każ il-knisja tal-Berġa tal-Italja."

Is-Sur Michael Pace Ross, is-Segretarju Amministrattiv tal-Arċidjoċesi ta' Malta, iddeskriva dan il-ftehim bħala pass ieħor importanti fil-ħarsien tal-wirt kulturali u reliġjuż tagħna. "Il-Knisja ta' Santa Katerina tal-Italja ilha tintuża bħala post ta' qima mill-komunità Taljana f'Malta, u għandha wkoll rabtiet storiċi msejsa fuq tradizzjonijiet reliġjużi kif ukoll patrimonju artistiku rikk. Bis-saħħa ta' din il-kollaborazzjoni, din il-knisja se tkun iżjed aċċessibbli għax se tkun miftuħa għal ħinijiet itwal, mingħajr ma dan ikollu effett fuq il-funzjonijiet reliġjużi.

Is-Sur Roberto Buontempo, Kap tal-Proprjetà tal-Arċidjoċesi, qal: "Bir-restawr u l-integrazzjoni ta' din il-ġawhra fl-esperjenza tal-viżitatur tal-MUŻA, il-Knisja qed tkompli tħaddan ir-responsabbiltà tagħha li tippreserva l-istorja filwaqt li tippromovi

għarfien aktar profond tal-patrimonju Malti. Nistennew bil-ħerqa li naraw din l-inizjattiva tħalli l-frott mixtieq, u li kemm il-Maltin kif ukoll it-turisti li jżuruna jkunu jistgħu jesperjenzaw il-wirt spiritwali u artistiku tal-knisja."

Għalkemm oriġinalment il-knisja nbniet fl-1576 fuq disinn tal-perit Malti Ġlormu Cassar, il-faċċata u d-daħla li naraw illum imorru lura għall-1713, meta sarulha xogħlijiet mill-perit Barokk Taljan Romano Carapecchia. Ftit snin biss qabel, b'xorti kbira, il-knisja salvat mit-terremot tal-1693. Fost l-opri tal-arti f'din il-knisja nsibu l-inkwatru titulari, 'Il-Martirju ta' Santa Katerina', li huwa tal-artist ċelebri Barokk Kalabriż Mattia Preti, li kien imqabbad iżejjen il-knisja konventwali tal-Kavallieri Taljani ftit wara l-wasla tiegħu fil-gżejjer lejn tmiem is-snin ħamsin tas-seklu 17. It-tmien segmenti monokromatiċi tal-koppla l-kbira, li juru xeni mill-ħajja ta' Santa Katerina, ukoll saru f'dan il-perjodu.